L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 7 ta' Mejju 2004

## Kaz iehor?

Wasal iz-zmien li nitkellem dwar allegat kaz iehor ta' sparpaljar ta' flus minn Gvern Nazzjonalista. Jew inkella ahjar, ta' min jghid, minn nies appuntati bil-barka ta' Gvern Nazzjonalista fid-diversi awtoritajiet, korpi u bordijiet li qeghdin jikkontrollaw il-pajjiz u jinhbew fil-privileggi u f'identita' gdida l tnehhi minn fuq spallejn il-Gvern il-htija ta' certi decizjonijiet hziena f'kaz ta' kritika.

Il-kaz huwa kaz li ghadda. Ftit li xejn hemm x'wiehed jista' jaghmel dwaru. Id-decizjonijiet ittiehdu. Izda, wara kollox, din hija xi haga li l-poplu jrid jifhem meta jtella' gvern.

Li gvern huwa t-tirann f'demokrazija. Il-poplu, jew bicciet minnu, inutli jiddejqu issa. Ic-cans li nibdlu s-sistema kif kien qed jigi ggvernat il-pajjiz kien sena ilu.

Anzi, nistghu nghidu li rega' gej fit-12 ta' Gunju. Huwa biss il-vot kif il-gvern jista' jigi kkontrollat, xejn iktar. Il-kritika bhal tal-lum isservi biss biex tiftah ghajnejn il-poplu li bicciet minnu qieghed jghix f'holma helwa li ma tantx ghandha bzonn ta' spjegazzjoni.

**Xi awtorita'**

Persuna kkwalifikat fil-kompjuters intbaghtet il-Germanja minn 'xi awtorita' biex tattendi seminar dwar pakkett ta' network tal-kompjuters internazzjonali li kien qieghed jigi offrut lill-istess awtorita' minn kumpanija rregistrata l-Germanja.

Il-flus li thallsu biex din il-pesuna wahidha setghet tattendi s-seminar ta' hamest ijiem kienu ta' madwar Lm5,000. Ir-rwol tal-persuna li ntbaghtet kien li tigbor kemm tista' nformazzjoni dwar il-pakkett offrut halli mbaghad, wara li tigi Malta, taghti l-pariri taghha lill-awtorita' koncernata jekk il-pakkett ghandux jinxtara jew le.

Il-persuna segwiet l-ewwel gurnata tas-seminar b'interess kbir biex tiddentifika l-kwalia' tal-prodott offrut u mill-ewwel bdiet tinduna b'certi difetti li l-istess programm seta' kellu.

Wara l-ewwel gurnata tas-seminar, il-persuna fil-lukana taghha b'kumbinazzjoni ltaqghet ma' wiehed mil-'lecturers' tas-seminar u b'mod amikevoli dan tkellem fit-tul mal-Malti.

**Zewg punti nteressanti**

Zewg affarijiet interessanti kellu jghid dan il-'lecturere' li naf bihom jien.

Huwa skanta li l-awtorita' kienet hallset daqshekk flus biex persuna wahda biss setghet tattendi ghas-seminar il-Germanja meta bl-istess ammont ta' flus setghu jithallsu l-'lecturers' kollha u jaghmlu s-seminar f'Malta – u ovvjament seta' jattendi kull min ried !

Hu ta' parir siewi wkoll lill-Malti li jekk tittiehed il-licenzja din tithallas gewwa l-Panama, mhux mill-Germanja, halli jigu ffrankati, mill-informazzjoni li ghandi, madwar 15 il-elf lira Maltin fis-sena. U fis-sena, mhux ta' darba.

B'din l-informazzjoni kollha l-Malti nvolut hassu ferm kuntent li kien qieghed jaghmel xoghlu sew fl-inkarigu li tatu l-awtorita'. Kien diga' qieghed jikteb ir-rapport tieghu u jipprepara lilmin kien Malta x'kellu jghidlu.

Ultimament, wara l-ewwel jum tas-seminar, il-parir, mill-informazzjoni li ghandi, jidher li kien se jkun ukol biex l-awtorita’ ma taghzilx dak il-prodott ghax ma kienx tajjeb ghaliha.

Jigifieri li, wara kollox il-parir finali kien se jukn li l-programm tal-kompjuter kellu wisq difetti u ma kienx kompatibbli bizzejjed ghal mas-sistema wzata mill-awtorita’ Maltija u ghalhekk ma kellux jinxtara !

**Decizjoni ttiehdet**

Fil-bidu tat-tieni jum tas-seminar, pero’ – minkejja li l-persuna nvoluta kienet il-Germanja proprju biex taghmel l-istharrig taghha dwar il-pakkett – irceviet telefonata fil-kamra tal-lukanda taghha minghand l-awtorita’ f’Malta.

Fit-telefonata gie nfurmat beix ma jinkwieta dwar xejn ghax il-kuntratt g ie ffirmat u l-prodott kien inxtara ! U ghall-mistoqsija dwar jekk il-licenzji kienux se jithallsu l-Panama jew il-Germanja l-awtorita’ rrispondiet li l-licenzja kienet se tithallas il-Germanja !

Fi kliem iehor kienu thallsu ghalxejn il-Lm5,000 biex il-persuna telghet ghas-seminar ghax l-awtorita’ ma stennietx il-parir taghha u ddecidiet minn rasha.

Jista jaghti l-kaz li l-prodott huwa hazin ghall-awtorita’ jew ta’ kwalita’ inferjuri.

U anke jekk kien prodott/servizz addattat zgur li din l-awtorita’ qieghda thallas madwar Lm15,000 aktar fis-sena f’licenzji minhabba s-semplici fatt li l-licenzja ttiehdet mill-Germanja u mhux mill-Panama.

Tghid dan huwa l-kaz iehor ta’ sparpaljar ta’ flus il-poplu ? Jew kaz iehor ta’ prodotti/ servizzi li jinxtraw biex jissodisfaw obbligi politici ma’ pajjizi Ewropej iktar milli ghax ikunu verament l-ahjar prodotti jew servizzi ?

Li huwa nteressanti wkoll f’dan il-kaz huwa l-fatt li din id-darba l-pajjiz li seta’ bbenefika mid-decizjonijiet tal-Gvern Malti kien il-Germanja.  Dan ifakkarni fl-iskandlu ta’ l-apparat mediku ta’ l-Isptar Mater Dei fejn kienu nkluzi kumpanija Taljana u ohra Germaniza.

Fil-fatt il-kaz kien kontemporanju mat-tmiem tal-kawza tal-kumpanija Gemaniza.  Forsi l-Gvern Malti, wara skandlu bhal dak, ried juri l-hbiberija tieghu mal-Germanizi b’mod iehor ?

Bi Gvern li kuljum jigbor aktar flus minn fuq il-poplu u minkejja dan ihalli dejn kbir dejjem jikber fil-pajjiz, kazijiet bhal dawn huma li qeghdin izommu d-distakk bejn id-dhul u l-hrug tal-Gvern dejjem ‘il boghod minn xulxin.  Dan apparti l-interessi ta’ l-istess dejn.

Gvern Nazzjonalista nefaq is-‘surplus’ fil-kaxxa ta’ Malta li wiret minghand Gvern Laburista, nefaq kwalunkwe flus li ggenera minn legittimament, minn taxxi dejjem iktar joghlew, minn taxxi dejjm iktar joghlew, minn self, minn holqien ta’ taxxi, permessi, licenzji, multi godda li dejjem zdiedu matul is-snin u .. xorta wahda ghandu dan id-dejn kollu.

Zgur li mhux qieghed imexxi pajjizna bhala xi ‘bonus pater familias’ u li hemm xi haga hazina fis-sistema tat-tmexxija u amministrazzjoni finanzjarji kollha.

Veru li wiehed jista’ jghid li ghandna hafna juri fit-toroq, hafna drabi bla m’ghandna t-toroq ( !!!) izda l-prijoritajiet tan-Nazzjonalisti dejjem dawk kienu u dejjem hallas ghalihom il-poplu – la Laburist u lanqas Nazzjonalist – izda ingenerali.